**Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peters**

It-tieni laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peters saret nhar it-Tnejn 2 ta' Awissu 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu c-*Chairperson* s-Sinjura Maria Elena Debattista, il-*Vici Chairperson* s-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti ta' l-ewwel laqgħa ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

**Item 3 – Affarijiet mill-Minuti**

Ma kienx hemm affarijiet mill-Minuti

**Item 4 – Korrispondenza**

Is-Sur Farrugia tkellem dwar Memo 45/2010 rigward kuntratti ġodda dwar *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema *Public Private Partnership* u nnota b'sodisfazzjon li l-Kunsill inkluda toroq fiż-żona ta' St Peters fil-lista ta' toroq li misteniija jingħataw it-tarmac.

**Item 5 – Estimi Annwali (Lulju – Diċembru 2010)**

Wara li ġew diskussi l-fondi allokati għal kull vot, il-Kumitat Amministrattiv, fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, approva unanimament l-Estimi Annwali għall-perjodu Lulju – Diċembru 2010.

Is-Sur Clews semma l-art mhux żviluppata li hemm fi Triq l-Għakrux, u ppropona li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jiġi stabbilit jekk din l-art hiex proprjetà pubblika jew privata. B'hekk jekk jirriżulta li l-art hija pubblika l-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jikkunsidra li din tiġi żviluppata fi *ground* jew post ta' rikreazzjoni anke permezz ta' finanzjament minn skemi ta' għajnuna li qed jitħarġu

mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sinjura Debattista qalet li kienet irċeviet diversi talbiet biex jinbena ħajt madwar l-art ta' wara l-*pitch* tal-Boċċi fi Triq San Leonardu li sservi bħala post ta' rikreazzjoni għall-familji taż-żona. Dan peress li dan is-sit ikun frekwentat minn ġenituri li jieħdu lil uliedhom ta' età żgħira, u billi ma hemm l-ebda lqugħ jew bankina madwar din l-art dan in-nuqqas qed ikun ta' periklu għat-tfal. Is-Sinjura Debattista pproponiet li ssir stima tax-xogħol biex issir dan il-ħajt u b'hekk ikun jista' jittieħed deċiżjoni dwar it-talba li qed issir mir-residenti. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sinjura Debattista u l-Kumitat qabel unanimament li tintalab stima għal dan ix-xogħol.

Is-Sur Farrugia semma l-problema ta' artijiet mhux żviluppati u qal li f'St Peters hemm għad minn dawn li qed iservu ta' *dumping sites*. Is-Sur Farrugia semma b'mod partikolari l-art mitluqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u pproponu li tinkiteb ittra lill-MEPA u lid-Dipartiment tas-Saħħa (Sanita') biex is-sid jiġi ordnat inaddaf din l-art u jdawwarha b'ħajt li jimpedixxi r-rimi ta' aktar skart.

Iċ-*Chairperson* tkellmet dwar il-ħtieġa ta' koordinament aħjar fejn jidħol il-ġbir ta' ċerti oġġetti mid-djar residenzjali, fosthom zkuk tas-siġar. Dan peress illi dawn mhux dejjem qed jittieħdu mill-kollettur ta' l-iskart.

Dwar il-ġbir ta' skart mit-toroq taż-żona ta' St Peters, is-Sur Farrugia lmenta li sid ħanut li hemm fi Triq il-Berebies ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel qed joħroġ l-iskart u jpoġġieh fis-*soft area* li hemm faċċata tal-ħanut. Barra minn hekk ħafna drabi l-iskart jinħareġ wara li jgħaddi l-*[illegible]*.

Is-Sur Farrugia semma l-inkonvenjenz li qed iħabbtu wiċċhom magħhom ir-residenti ta' St Peters minħabba l-kostruzzjoni u xogħol ieħor relatat mal-proġett ta' Smart City. Is-Sur Farrugia qal li dawn l-inkonvenjenzi ser ikomplu jinħassu fiż-żmien li ġej u wara li jitlesta' il-proġett. Is-Sur Farrugia pproponi li l-Kumitat jikteb lill-*Management* ta' Smart City u jitlob xi forma ta' kumpens għal dan l-inkonvenjent, possibilment billi s-sidien ta' Smart City jiffinanzjaw proġett li jkun jista' iservi bħala post ta' rikreazzjoni għar-residenti. Is-Sur Clews qal li ta' kuljum u f'kull ħin tal-ġurnata r-residenti ta' St Peters qed ikollhom isofru inkonvenjent ta' ħsejjes kbar kawża tax-xogħol li qed isir u għalhekk jissekonda l-proposta tas-Sur Farrugia li tintbagħat talba għal kumpens lill-proprjetarji ta' Smart City. Il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li ssir manutenzjoni ta' ħofor li hemm fi Triq iż-Żażarell u f'toroq oħra fil-viċinanzi.

Iċ-*Chairperson* semmiet il-ħtieġa li tiġi mdawwla aħjar parti minn Triq il-Buqammar billi jiżdied il-voltaġġ tal-lanterni eżistenti. Is-Sinjura Debattista semmiet ukoll il-ħtieġa li tiġi rranġata ħofra li hemm mar-residenza 'My Nest' fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Fl-aħħarnett is-Sur Farrugia semma l-bżonn li ssir tiswija tat-triq li hemm maġenb il-*playing field* ta' Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-3 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 1 ta' Settembru, 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*